REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/308

tas-26 ta' Frar 2015

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 dwar il-kundizzjonijiet ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2)(c) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanza attiva isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il kienet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([2]) bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE ([3]) skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 24b tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2229/2004 ([4]). Mindu d-Direttiva 91/414/KEE nbidlet bir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, din is-sustanza qed titqies li ġiet approvata skont dak ir-Regolament u tniżżlet fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([5]).

(2) Skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità", fit-18 ta' Diċembru 2013 ippreżentat lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz tar-rapport ta' reviżjoni għas-sustanza attiva isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il ([6]). L-Awtorità wasslet l-opinjoni tagħha dwar is-sustanza attiva isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il lin-notifikatur.

(3) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikatur biex jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar l-abbozz tar-rapport ta' reviżjoni għas-sustanza attiva isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il. L-abbozz tar-rapport ta' reviżjoni u l-opinjoni tal-Awtorità ġew analizzati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, u ġew iffinalizzati fit-12 ta' Ottubru 2014 fil-format ta' rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għas-sustanza attiva isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il.

(4) Ġie kkonfermat li s-sustanza attiva isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il għandha titqies bħala approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(5) Skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 flimkien mal-Artikolu 6 tiegħu kif ukoll fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, huwa meħtieġ li jiġu emendati l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il. B'mod partikolari, jixraq li tintalab iktar informazzjoni ta' konferma.

(6) Għalhekk, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

([3]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta sustanzi attivi (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 89).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2229/2004 tat-3 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi aktar regoli fid-dettall għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([6]) Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il. EFSA Journal (2014); 12(2):3525. Disponibbli onlajn fuq: www.efsa.europa.eu/efsajournal.htm.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, ir-ringiela 259 dwar is-sustanza attiva isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il tinbidel b'dan li ġej:

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"259	isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il Nru tal-CAS 135459-81-3 CIPAC: 973	isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il	≥ 90 %	fl-1 ta' Settembru 2009	fil-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użu bħala attirant biss jista' jkun awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar isobutirat ta' Z,Z,Z,Z-7,13,16,19-dokożatetraen-1-il (SANCO/2650/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni ta' konferma dwar: (1) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment inkluż informazzjoni dwar kull impurità rilevanti; (2) il-valutazzjoni tar-riskju tal-esponiment għall-operaturi, il-haddiema u l-persuni fil-qrib; (3) id-destin u l-imġiba tal-ambjent tas-sustanza; (4) il-valutazzjoni tar-riskju tal-esponiment għall-organiżmi mhux fil-mira. In-notifikatur għandu jressaq quddiem il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Awtorità, l-informazzjoni stabbilita fil-punt (1) sat-30 ta' Ġunju 2015 u l-informazzjoni stabbilita fil-punti (2), (3) u (4) tal-31 ta' Diċembru 2016."